Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

It- Tnejn, 6 ta' Settembru 2021

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-9.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-9.15am

## 29.1 Qari tal-Itrri ta' Apoloġija

29.1.1 Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra emajl mingħand il-Kunsilliera C. Scerri fejn infurmatu li ma setgħetx tattendi peress li kienet indisposta. Il- Kunsill aċċetta l-apoloġija.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal- Minuti

29.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tmienja u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

29.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 29.3 Komunikazzjoni mis- Sindku

29.3.1 Is- Sindku ta' informazzjoni dettaljata tal-laqgħa preliminarja li kellu flimkien mas- SE ġewwa Ribadavia, Spagna b'rabta mal- Proġett li beħsiebu jibda dan l-istess lokalita mir-Reġjun tal-Galizia flimkien ma' sitt pajjizi ohra bit- tema " Creative Europe- Medieval Villages". Huwa qal li l-għan ta' dan il-proġett huwa li dawn il-pajjizi jingħaqdu flimkien u jorganizzaw attivitajiet li l-kontenut tiegħu jkun fih element artistiku ewropej. Wieħed irid jara' x'inhu l-input finanzjarju li jrid joħroġ il-Kunsill u minn hemhekk tittieħed deċizjoni. Dan il-proġett beħsiebu jibda fis- sena 2023.

29.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill rigward il-laqgħa li kellu l-Kunsill mal- Ministru tat-Turizmu, l-Onor Clayton Bartolo fejn it-tema diskussa kienet it-tkomplija tal-proġett tat-tisbieh ta' Howard Gardens u l-Għajn tal-Ħasselin li kienet nediet il- Ministru ta' qablu, l-Onor. Julia Farrugia. Jidher li l-ministru fehem il-ħsibijiet tagħna u għalkemm ma tana xejn bil-miktub jidher li hemm *committment* minn naħa tal-Ministeru tiegħu li dan jitkompla.

29.3.3 Is- Sindku infurma lil Kunsill li rigward it-twaħħil ta' *electric feeder pillar* huwa kompla jagħmel pressjoni mal- Ministeru ta' L- Energija biex dan iseħħ. Sadanittant bdiet titwaħħal waħda fi Triq l-Għarreqin kif toħroġ mill-Bieb ta' l-Mtarfa.

29.3.4 Is- Sindku talab lis- SE biex ikollna tlett kwotazzjonijiet għad-dawl tal-milied. Huwa kien ta' l-opinjoni li inzommu l-pjan tad-dawl bħas-sena l-oħra ghax kien hemm feedback pozittiv mill-pubbliku. Il- Kunsill approva.

29.3.5 Is- Sindku fakkar li mis-sena 2022, il-Kunsill ta' l-Mdina ser ikun jifforma parti mir- Reġjun tal-Lvant u mhux aktar ir- Reġjun tat- Tramuntana.

## 29.4 Ilmenti u Items Oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill.

29.4.1 Talba għar-rifużjoni ta' spejjeż marbuta ma' ħsara li saret fuq vettura wara inċident li seħħ kawża ta' zokk ta' siġra li waqgħet li tinsab fi Triq L-Imħazen. Il-membri approvaw li titħallas il-ħsara ta' €350 wara li evalwaw id-dokumenti kollha preżentati

29.4.2 Talba għar-rifużjoni ta' spejjeż marbuta ma' ħsara li sargħet fuq *tyres* ta' track wara incident li seħħ u allegatament kawża ta' negligenza mill-Kunsill fir-*roundabout* ta' fejn l-Istazzjon. Il-membri ma approvawx li titħallas il-ħsara ta' €1300 wara li evalwaw id-dokumenti kollha preżentati kif ukoll r-rapport mill- Contracts manager wara li sar aċċess fuq il-post. Il-Kunsill ser jibgħat ittra tad-deċizjoni permezz ta' l-avukat tal-Kunsill.

29.4.3 Is- SE infurma lill-Kunsill (li wara l-Bord ta' Evalwazzjoni kanċella l-offerti li ntefaw għat-*Tender* tal-ġbir tal-borza s-sewda u organic peress li ma kienux teknikament vijabbli) li huwa kien kiteb lid- DLG biex jara jkunx hemm estensjoni tal-kuntratt mal- kuntrattur prezenti jew inkella tinħareġ sejħa oħra ta' offerti. Dan sar minħabba l-fatt li mis-sena 2022 dan is-servizz ser jibda jingħata mir- Reġjuni u mhux aktar tkun responsabbilta tal-Kunsilli.

29.4.3.1 Is- SE ġie nfurmat mid- DLG li nistgħu nkomplu bil-kuntratt ezistenti dement li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt jibqgħu l-istess bħal ta' 2017. Il-Kunsill approva.

29.4.4 AKL- 2021/083- President's Solidarity Fun Run 2021- Talba biex il-Kunsilli jorganizzaw f'kull lokalita' l-edizzjoni ta' din is-sena fejn iridu jipparteċipaw minn ta' l-inqas 100 persuna. Il- Kunsill ħa nota tat-talba pero' minħabba li għandna ftit residenti kif ukoll komunita' anzjana, mhuiex ser jipparteċipa.

29.4.5 NM Group- New Funding Opprotunity- Bellus Call. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mar-rapprezentanti ta' din il-kumpanija.

29.4.6 Outlook Coop- Talba biex tittella' esibizzjoni ġewwa Howard Gardens fejn ser jitwaħħlu strutturi temporanji għal PPCD fejn dawn juru xogħolijiet ta' proġetti ffinanzjati mill- Unjoni Ewropea f'Malta. Il-Kunsill approva.

**29.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

29.5.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdu l-iskedi ta' ħlasijiet li jġibu d-dati tas- 6 ta' Settembru 2021(Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 24,772.05.

29.5.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**29.6 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

29.6.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-10:55am u ġiet aġġornata għal- 11 ta' Ottubru 2021 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:______________________